MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 1203/2007/1

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**v.**

**John Mousu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ John Mousu tal-15 ta’ Novembru 2007, li jaqra hekk:

“Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata s-26 ta’ Ottubru 2007 li giet notifikata lir-rikorrent fil-31 ta’ Ottubru 2007 enumerata 4072/2007, ir-rikorrent gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex fi zmien jumejn ihallas is-somma ta’ tlettax-il elf u sitt mija u disgha u erbghin Lira Maltin (Lm13,649) (€31,793.62) fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1980, 1981, 1982, 1986, 1987, 1988, 1989, 1994, 1995, 1996, 1997, u 1998 skont l-Avviz unit ma’ l-istess ittra, b’ittra, b’intima illi fin-nuqqas li jhallas l-ammont reklamat huwa kien ser jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Dok. “JM1” hawn unit).

“Illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

“1. Il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta skont id-Dispozizzjonijiet tal-Artikolu 47(2) tal-Att XV111 tal-1994 (Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta).

“2. Bla pregudizzju ghall-premess dan l-ammont mhux dovut peress illi l-esponent dejjem hallas dak rikjest minnu skont il-ligi tat-taxxa fuq id-dhul u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza mal-intimat.

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi r-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-pretensjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta’ Lm13,649 kif dedotta fl-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta’ Ottubru 2007 flimkien mat-talba tal-ispejjez ghall-prezentata ta’ dak l-att, hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement

ghandha tigi annullata, u l-esponent dikjarat mhux debitur tal-intimat fis-somma pretiza.

"Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni."

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent irid ghallinqas jindika abbazi ta' liema ligi qieghed jintavola r-rikors odjern, stante li jidher li *prima facie* l-procedura tal-azzjoni odjerna hija rritu u nulla, specjalment in vista tal-fatt illi l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 ma huma applikabbli, peress illi l-ittra ufficjali in materia la kienet ittra ufficjali mahruga skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 u lanqas ma kienet tikkostitwixxi mandat fit-termini tal-Artikolu 273 tal-Kap. 12.

"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"1. Illi mhux minnu illi r-rikorrent dejjem hallas dak rikjest minnu skont il-ligi tat-taxxa fuq id-dhul.

"2. Illi l-esponent jiddikjara illi l-hlas ta' taxxa fuq id-dhul ghas-snin ta' stima 1980, 1981, 1982, 1986, 1987, 1988, 1989, 1944, 1995, 1996, 1997 u 1998 mhumiex preskritti kif qed jallega r-rikorrent ghall-ewwel darba fir-rikors promotur.

"3. Illi skont l-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta *"… l-azzjoni ghal hlas ta' taxxa, taxxa addizzjonali imghax jew xi penali, tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom*

*jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."*

"4. Illi effettivament, l-istima ghas-sena stima 1994 saret finali u konkluziva fil-15 ta' Jannar 2007 kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok KTI 1, l-istima ghas-sena ta' stima 1995 saret finali u konkluziva fil-5 ta' Mejju 2003 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok KTI 2, filwaqt illi l-istejjem ghas-snin ta' stima 1996, 1997 u 1998 saru finali u konkluzivi fit-18 ta' April 2007 kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok KTI 3, Dok KTI 4 u Dok KTI 5, ossija entro z-zmien stabbilit ai termini tal-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

"5. Illi rigward l-istejjem ghas-snin ta' stima 1980, 1981, 1982 u 1986 li lkoll saru finali konkluzivi fil-15 ta' Dicembru 1997 (Dok KTI 6, Dok KTI 7, Dok KTI 8 u Dok KTI 9) kif ukoll l-istejjem ghas-snin ta' stima 1987, 1988 u 1989 li saru finali u konkluzivi fit-22 ta' Marzu 1996 (Dok KTI 10, Dok KTI 11 u Dok KTI 12), il-perjodu ta' tmien snin stipulat fl-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta gie interrott u beda jiddekorri mill-gdid mill-21 ta' Novembru 2001 f'liema data r-rikorrent ghamel xi pagamenti rapprezentanti arretrati ta' taxxa dovuta kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok KTI 13 u Dok KTI 14.

"6. Illi ghaldaqstant, l-ammont reklamat zgur m'huwiex preskritt ai termini tal-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 stante l-Ittra Ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet u numru hawn fuq premessi.

"7. Illi konsegwentement l-Ittra Ufficjali kontestata hija korretta u ghandha tigi konfermata minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tar-rikorrent tal-15 ta' Frar 2010, u tal-intimat tat-13 ta' April 2010, li fihom il-partijiet fissru ahjar ir-ragunijiet taghhom li wasslu ghal dawn il-proceduri;

Rat id-decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 2010 li in forza taghha laqghet it-talba tar-rikorrent u hassret l-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2007 b'kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Dik il-Qorti tat din id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula minn John Mousu ["ir-Rikorrent"] b'rikors tal-15 ta' Novembru 2007 biex il-qorti tgħid illi ma għandhiex titħallas it-taxxa fuq id-dħul mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ["il-Kummissarju"] b'ittra uffiċjali magħmula taħt l-art. 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372].
>
> "2. It-talba tal-Kummissarju magħmula b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 2007 kienet għal tlittax-il elf, sitt mija u disgħa u erbgħin lira (Lm16,649) – daqs wieħed u tletin elf, seba' mija u tlieta u disgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€31,793.62) – taxxa fuq id-dħul jew taxxa provviżorja għas-snin ta' stima 1980, 1981, 1982, 1986, 1987, 1988, 1989, 1994, 1995, 1996, 1997 u 1998. Qabel l-ittra uffiċjali, il-Kummissarju kien għamel l-istess talba b'avviż tal-25 ta' Ġunju 2007 magħmul taħt l-art. 42(1) u (5) tal-Kap. 372.
>
> "3. Fir-rikors huma mfissra r-raġunijiet għala r-Rikorrent qiegħed igħid illi ma għandux jagħti dak li qiegħed jitlob il-Kummissarju, u r-Rikorrent kompla fisser ir-raġunijiet tiegħu b'nota tal-15 ta' Frar 2010. Il-Kummissarju wieġeb għar-rikors fl-1 ta' Frar 2008 u wieġeb għan-nota fit-13 ta' April 2010.

"4. L-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 2007 saret biex l-intimat jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi taħt l-art. 40 tal-Kap. 372 biex jiġbor it-taxxa mingħand ir-rikorrent. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-kummissarju jista' jtenni t-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att, ikun jista' jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi.

"5. Fil-każ tallum, l-avviż li l-liġi trid li jingħata qabel ma jista' jsir l-att ġudizzjarju msemmi fl-art. 40 tal-Kap. 372 sar bl-avviż tal-25 ta' Ġunju 2007. Ir-Rikorrent jiċħad li rċieva dan l-avviż, u jgħid għalhekk illi ż-żmien ta' ħmistax li tagħti l-liġi ma bediex igħaddi.

"6. L-art. 29(1) tal-Kap. 372 igħid illi "avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu, fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ ta' persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum tal-impustar".

"7. Għalkemm l-oneru tal-prova qiegħed fuq ir-Rikorrent, trid tqis ukoll illi prova ta' ħaġa negativa diffiċilment issir, u għalhekk – sabiex jitħares il-jedd għal smigħ xieraq – l-oneru għandu jiġi moderat fid-dawl ta' din id-diffikoltà. Ir-Rikorrent ċaħad, darbtejn, bil-ġurament tiegħu li wasallu l-avviż[1] u l-qorti ma tara ebda raġuni għala ma għandhiex temmnu. Fil-fehma tal-qorti għalhekk, fin-nuqqas ta' prova illi r-Rikorrent ma għandux jitwemmen jew li qiegħed jixhed il-falz, sarat il-prova li trid il-liġi li l-avviż ma wasalx għand ir-Rikorrent.

"8. Dan iwassal għall-konsegwenza illi l-ittra uffiċjali kienet intempestiva u għalhekk ma ipproduċietx il-konsegwenzi legali li jrid il-Kummissarju.

"9. Il-qorti għalhekk tipprovdi billi tħassar l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 2007 u, billi l-avviż għall-ħlas tat-taxxa illum effettivament wasal għand ir-rikorrent, tqiegħed lill-partijiet fil-pożizzjoni li jkunu fiha wara n-notifika tal-avviż, bħallikieku l-avviż kien notifikat lir-Rikorrent illum.

---

[1] Xhieda tar-Rikorrent fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2009, *fol.* 98 u *fol.* 102.

> "10. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-23 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet premessi a bazi tal-aggravji hawn sollevati jew liema minnhom u hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat appellant."

Rat ir-risposta ta' John Mousu li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li l-appell interpost mill-attur appellat (recte: intimat appellant) ghandu jigi michud u b'hekk tigi konfermata s-sentenza appellata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent John Mousu qed jittanta jattakka ittra ufficjali li hareg il-Kummissarju intimat f'Ottubru tal-2007, fejn talab il-hlas ta' wiehed u tletin elf, seba' mija tlieta u disghin Euro u tnejn sittin centezmi (€31,793.62)

f'taxxa fuq id-dhul ghal diversi snin. Qabel din l-ittra ufficjali kienet saret talba ghall-hlas b'avviz tal-25 ta' Gunju 2007. Ir-rikorrent jghid illi hu qatt ma kien gie notifikat bl-avviz, u l-ewwel Qorti taghtu kredibilita`, u kwindi ddikjarat l-ittra ufficjali intempestiva u mhux producenti tal-konsegwenzi legali fit-termini tal-ligi.

L-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji, fosthom tenna l-eccezzjoni tieghu dwar l-improponibilita` tal-azzjoni.

Ir-rikorrent formalment iddikjara quddiem l-ewwel Qorti li l-azzjoni tieghu saret a bazi tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jitkellem fuq kif jistghu jigu attakati atti ezekuttivi.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat li l-ittra ufficjali attakkata ma hijiex att ezekuttiv u kwindi, l-Artikolu 281 imsemmi mhux applikabbli. Din il-Qorti f'kawzi precedenti gia` osservat li huwa l-avviz ghall-hlas li jaghti titolu ezekuttiv lill-Kummissarju, b'mod li jekk wara l-hrug tal-avviz ma jsirx il-hlas, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba ghall-hlas b'ittra ufficjali, u jekk jibqa ma jsirx il-hlas, jitlob il-hrug ta' att ezekuttiv biex jigbor dak dovut. Hekk, din il-Qorti, fil-kawza **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Bianco**, deciza fit-28 ta' Gunju 2013, b'riferenza ghal regim simili ghal dak relatat mat-taxxa fuq id-dhul, qalet hekk a propositu:

*"Sar appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, pero`, fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, fis-sens li t-titolu ezekuttiv ma jinholoqx bil-prezentata u n-notifika tal-ittra ufficjali, kif jallega r-rikorrent, izda, bil-hrug u n-notifika tal-avviz ghal hlas. L-Artikolu 59(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406, jghid b'mod car illi l-avviz mahrug mill-Kummissarju "ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv". Skont is-subartikolu (2) ta' dan l-istess artikolu, jekk wara l-hrug tal-avviz jibqa ma jsirx hlas, il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas bil-mezz ta' "nota ta' talba ghall-hlas" (demand note), u jekk il-hlas ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota, jista' jipprezenta "att gudizzjarju", u jumejn wara jitlob il-hrug tal-mandati ezekuttivi opportuni. Kwindi, il-premessa tat-talba tar-rikorrent li "id-difett" fl-ittra ufficjali jfisser li ma jezistix titolu ezekuttiv hija zbaljata ghax it-titolu ezekuttiv jinholoq jekk u meta l-avviz ghall-hlas ma jigix ikkontestat mid-debitur."*

Il-hrug ta' ittra ufficjali huwa pass mehtieg <u>qabel</u> ma jintalab il-hrug ta' att ezekuttiv (ossija mandat ezekuttiv), pero`, la hu t-titolu ezekuttiv u lanqas l-att li bih jigi enforzat dak it-titolu. Isegwi li dik l-ittra ufficjali ma tistax tigi attakkata bil-procedura ta' rikors kontemplata fl-Artikolu 281 tal-imsemmi Kap. 12.

Dan gia` qalitu din il-Qorti fil-kawza **Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza fit-28 ta' Mejju 2010, u dan fis-sens li gej:

*"L-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2006 saret biex l-intimat jikseb il-hurg ta' mandati ezekuttivi taht l-Art. 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jigbor it-taxxa minghand ir-rikorrent. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun baghat avviz ghal hlas tat-taxxa, dak li lilu jintbaghat l-avviz ma jhallasx, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att ikun jista' jikseb il-hrug ta' mandati ezekuttivi.*

*"Appell kontra l-istimi u l-avvizi mahruga mill-intimat isiru taht id-dispozizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Specjali taht l-Art. 34 u minn decizjoni ta' dak il-Bord jista' jsir appell fuq punt ta' ligi biss quddiem il-Qorti tal-Appell. Wara li jinqata' l-appell, jew jekk ma jsirx appell fiz-zmien li taghti l-ligi, l-istima ssir finali.*

*"Dan ifisser illi la darba l-istimi saru finali, l-istess ma jistawx aktar jigu kontestati. La l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jistghu jitqiesu li jghoddu ghall-kaz, ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx taht l-Artikolu 466 u lanqas ma hija mandat taht l-Artikolu 273 tal-imsemmi Kodici. Jidher, ghalhekk, li l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent b'dan ir-rikors (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza* ***Borg et. V. Kummissarju tat-Taxxi Interni****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fid-9 ta' April 2010)."*

Din il-posizzjoni giet reiterrata minn din il-Qorti fil-kawza **Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fl-24 ta' Gunju 2011.

La darba ir-rikorrent irid jattakka t-titolu ezekuttiv li jippretendi li ghandu l-Kummissarju intimat, u l-ittra ufficjali li nharget f'Ottubru tal-2007, il-procedura issa wzata mhux dik idonea. Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-Qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Azzopardi v. Azzopardi** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, *"il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".* L-istess logika u konkluzjoni jsegwu jekk tigi adottata procedura hazina.

L-azzjoni tar-rikorrenti hi ghalhekk monka u ghandha tieqaf hawn. Dan apparti li, kif issottolinea l-Kummissarju intimat, avvolja r-rikorrent ghall-ewwel cahad li rcieva kontijiet mid-dipartiment tat-taxxi interni, sussegwentement ikkonferma li l-kontijiet kien jircevihom fl-indirizz tad-dar tieghu gewwa l-Marsa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru 2010 u minflok tghaddi biex tillibera lill-intimat Kummissarju mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha tal-procedura inkluzi dawk in prim istanza jithallsu mill-istess rikorrent John Mousu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------